MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Numru. 19/2004

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

- vs -

CHARLES PAUL MUSCAT

Il-Qorti;

Rat li l-imputat CHARLES PAUL MUSCAT ta' 21 sena bin Saviour u Frances nee` Galea imwieled Rabat, Ghawdex fl-10 ta' Frar 1983 u li joqghod "Villa Gnien is-Sultan", Triq Sannat, Sannat, Ghawdex (Detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 4583G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-27 t' Awissu 2003 f'Ghawdex ghall-habta tas-1:00 a.m. kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata jew ristretta u cioe` psikotropika (LSD) meta ma kienx awtorizzat kif imiss u bi ksur tar-Regolament 5 (1) ta' l-

Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u bi ksur ta' l-Artikolu 16 ta' l-Att V ta' l-1985 kif emendat u ta' l-artikoli 40 (A) u 120 (A) tat-tielet skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-perizja u dan ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 24 ta' Marzu, 2004, liema kunsens jinsab esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala Dokument 'CSH' sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezamiji li sarlu ai termini ta' l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar il-21 ta' Lulju , 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi;

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-21 ta' Lulju, 2004;

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti ta' l-imputat, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu;

Dwar il-piena l-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-ewwel opportunita`

moghtija lilu waqt il-prezentata, semghet lill-Prosekuzzjoni tghid illi l-imputat ikkollabora bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha u rat ukoll l-Fedina Penali esebita f'dawn l-atti bhala Dokument 'CSH2', mill-liema Fedina Penali jirrizulta illi l-imputat ghandu jigi trattat bhal li kieku huwa *first time offender* u dan peress illi l-Fedina Penali tieghu hija wahda netta;

Ghaldaqstant minhabba dawn ic-cirkostanzi bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif adebitata fil-konfront tieghu tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena mil-lum ai termini ta' l-artikolu 22 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Oltre dan dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti ai termini ta' l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta rat illi f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda perit nominat f'dan l-istadju u ghaldaqstant tichad tali talba.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------